MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1747/2000/1

**Joseph Borg**
**Vs**
**Peter Bartolo**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'artikolu intitolat "Tliet Transfers mill-Habs ta' Kordin" ppubblikat fit-tieni faccata tal-harga ta' "L-Orizzont" tat-18 ta' Awissu, 2000, - ta' liema pubblikazzjoni l-konvenut hu l-editur – gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur li huwa facilment identifikabbli, bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku (Dok. A);

Premess illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza ghandha d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun ;

1. Tiddikjara illi l-pubblikazzjoni suriferita li dehret fil-harga ta' "L-ORIZZONT" tat-18 ta' Awissu, 2000 hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hames telef lira (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta ).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa :

1. Illi fil-kitba *"de qua"* l-attur la hu identifikat u anqas hu identifikabbli mill-"average reader";

2. Illi l-kitba fiha semplici notizzja, b'ezercizzju tad-"diritto di cronaca";

3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed joggezzjona ghas-segwenti partijiet mill-artikolu.

Il-bierah filghodu tkomplew jinghataw aktar *transfers* fil-Korp tal-Pulizija fejn din id-darba nqalghu mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin tliet membri tal-Korp. Wiehed minnhom inqabad f'wahda mill-kmamar fil-habs jirranga c-cintorin u hwejgu fejn gie allegat li kellu x'jaqsam sesswalment ma' impjegata tal-habs.

….

Huwa mifhum li l-istess kuntistabbili ilu stazzjonat fil-habs ta' Kordin madwar erba snin u dan l-ahhar kien talab biex ikun trasferit preferibbilment ma l-SAG. Minflok il-bierah stess kien trasferit fid-Distrett.

L-attur qed isostni li hu kien identifikabbili billi ghalkemm ma semmewhx b'ismu, meta deher l-artikolu, hu kien l-unika persuna li ghamel talba bil-miktub lill Kummissarju biex jigi trasferit mill-habs ghall mal-SAG u li kien ilu xoghol il-habs kwazi hames snin.  Ftit xhur qabel deher dana l-artikolu kienet saret investigazzjoni fuq dina l-allegazzjoni u ma kien rrizulta xejn kontih. Hu cahad li kien hemm xi haga minn dak allegat fil-gazzetta.

L-attur tella bhala xhieda lill Philip Galea, *electrician* il-habs, u David Scerri, Correctional Officer, li t-tnejn qalu li kienu qraw l-artikolu u bl-allegazzjoni li saret fl-artikolu mal l-ewwel fehemhu li kienu qed jirreferu ghalih. Minhabba dana l-artikolu hu ghandu nkwiet fil-familja.

Id-Direttur tal-Habs, Emmanuel Cassar ikkonferma li ma kien irrizulta xejn kontra l-attur mill-investigazzjoni li ghamel.

Il-konvenut ma xehedx.

**Tikkunsdira**

**L-indeterminatezza tal-persuna allegatament ingurjata.**

F’dan il-kaz qed tigi eccepita fl-ewwel lok l-indeterminatezza tal-persuna allegatament ingurjata.

Ghall-finijiet ta’ libell ma hemmx bzonn li l-persuna ngurjata tigi msemmija b’isimha u dan ghaliex jekk jigi pruvat li l-persuna ngurjata tista ragjonevolment tigi identifikata fil-persuna tal-kwerelant, il-ligi tkun sodisfatta (Vol LXV111 p 5 p 313 Dr. Callus vs E. Privitera 9/2/84).

*The plaintiff must show that the words were published of and concerning him. It will be no defence that the plaintiff is not referred to by name if he would be capable of being identified by the reasonable person* (Media Law P. Carey 1996 page 43).

*The test, in every case, is whether reasonable people would understand the words to point to the plaintiff personally.*

*Where the knowledge depends upon special circumstances of which not everyone is aware, the plaintiff has to prove that the article was published to persons who were able to make the identifying connection.*

*Any story that carries the imputation of discreditable conduct by somebody will be actionable by a plaintiff who can show that at least some readers would recognize him as the person being criticized -* (Media Law Roberston and Nicol P 57/8).

*There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if …a substantial number of <u>persons who knew the plaintiff</u> reading the article, would believe that it refers to him.. an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained* -(Gatley on Libel & Slander 8th Edition p. 280 et seq).

Fil-kaz in ezami mhux kull min qara l-artikolu kkonkluda li dan kien qed jirreferi ghall-attur. Imma jidher li kien hemm

numru ta’ nies li kienu jafu lill-attur u li kienu qraw l-artikolu li mill-ewwel identifikaw lill-attur bhala l-persuna li saret riferenza ghalih fl-artikolu u dana minghajr processi kumplikati ta’ eliminazzjoni jew analizi xort’ohra (App Farrugia vs Fava 15.1.97).

**Diritto di cronaca**

Il-konvenut qed jeccepixxi wkoll Illi l-kitba fiha semplici notizzja, b’ezercizzju tad-“diritto di cronaca. Ghalkemm dana dritt jezisit, pero’ ma jezisti ebda dritt li timmalafama persuna impunement, u dana meta nkiteb l-artikolu, diga kien maghruf li mill-investigazzjoni li saret mid-Direttur tal-Habs ma kien irrizulta xejn.

Mill bran inkriminat jirrizulta li l-allegazzjoni hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi:

billi tiddikjara li l-pubblikazzjoni imsemmija li dehret fil-harga ta’ “L-ORIZZONT“ tat-18 ta’ Awissu, 2000 hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur ; u

tikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm400 bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta ).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**